# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru**

**Avviz numru 490/01/SM**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Anthony Vella u martu Catherine Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u erba' u tletin lira (LM834) rapprezentanti import ta' ghaxar (10) kambjali, disa' (9) ta' Lm85 u l-ohra ta' Lm69, debitament accettati u skaduti minn Marzu 1999 sa Dicembru 1999 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa 10 konsekuttivament u inklussivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April 2001 jammontaw ghal Lm127, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 5 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha rriduciet is-sorte ghall-LM42 bl-imghax mill-4 t'Ottubru 2001 u l-ispejjez tal-kawza;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fil-5 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**